SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 18/KA1/11

**It-Tieni Laqgħa Pubblika tal-Kumitat Amministrattiv Paceville.**

**Nru tal-laqgħat minn 12/07/'10 – 02/12/'11 18**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 02/12/'11 20**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville żamm it-Tieni Laqgħa Pubblika skond kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2011.

1.02 Il-Laqgħa saret fis-Sala WOW tal-Millenium Chapel fis-06.00p.m.

1.03 Preżenti:
Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Mary Grace Scicluna
Il-Membru Carmel Agius

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech
L-iskrivana Connie Said.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- Tmientax il-persuna (18).

1.05 Iċ-Ċermen Richard Scicluna ppresieda l-laqgħa.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-1 ta' Diċembru 2011. L-Aġenda kienet hekk:

1. Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kumitat Amministrattiv Paceville matul is-sena 2011 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2012 (Budget / Business Plan).

2. Ilmenti / Suġġerimenti

1.2.02 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa u beda billi ta' merħba lir-residenti li kienu preżenti u nfurmahom li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Att dwar il-Kunsilli Lokali.

**1.3 Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kumitat Amministrattiv Paceville matul is-sena 2011 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2012 (Budget / Business Plan).**

1.3.01 Iċ-Ċermen qara r-rapport tax-xogħolijiet fuq l-andament tal-Kumitat Amministrattiv matul is-sena li għaddiet 2011 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2012 (Budget/Business Plan).

**2. Suġġerimenti / Ilmenti**

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn is-suġġerimenti / ilmenti:-

- Ġie ssuġġerit li l-*parking* f'Paceville isir b'tali mod li r-residenti jkollhom aktar fejn jipparkjaw ;
- Issir aktar sorveljanza mill-pulizija u l-wardens f'Paceville peress li qed ikun hemm ħafna storbju mid-diskoteki ;
- Issir *humped zebra crossing* fi Triq il-Knisja ;
- Jerġgħu jitwaħlu t-tabelli tar-*residential parking* fi Triq Wilġa n-naħa t'isfel ħdejn il-Buon Caffe' ;
- Sar ilment li is-CCTV camera li hemm fi Triq Wilġa qed tiġi ostakolata b'siġra kbira li hemm quddiemha;
- Ġie suġġerit li tiġi nstallata camera fi Triq Paceville k/m Triq Gort ;

- Sar ilment li l-istabbilimenti tal-ħwienet qed joħorġu l-iskart ma' tar-residenti ;

- Sar ilment li fi Triq Wilġa hemm gandot.

2.02 Iċ-Ċermen irringrazzja lill-pubbliku preżenti u temm il-laqgħa fis-07.00 p.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

30/1/12

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**